# IS-SAGRA INFERMERIJA

**Minkejja li maż-żmien l-Ordna ta' San Ġwann inbidel dejjem aktar f'potenza militari, huwa qatt neħħa ħarstu minn fuq il-vokazzjoni ospitaliera. Ftit wara li waslu Malta fl-1530, il-Kavallieri bnew sptar spazjuż fil-Birgu. Fl-istess waqt, il-pjanta tal-belt il-ġdida kienet tinkludi sptar mill-iprem. Ir-rabta tal-Ordni mal-isptar toħroġ ukoll mill-fatt li kemm il-Gran Mastru u kif ukoll il-kavallieri resident kienu spiss jmorru jżuru l-morda. Ta min jinnota ukoll li n-novizzi kienu mistennija jmorru jservu l-ikel lill-pazjenti fl-isptar minn tal-anqas darba fil-ġimgħa.**





Emblema tal-Lingwa ta' Franza

**FAĊILITAJIET**

Il-kumpless li naraw illum żviluppa f'diversi fażijiet. Parti mis-sala t-twila bdiet tinbena fl-1574 u ġiet inawgurata s-sena ta' wara mill-Gran Mastru Jean de la Cassiere (1572-1581). Sal-1583, il-faċilitajiet eżistenti kienu diġà bdew jitqiesu inadegwati u għalhekk inbniet blokka oħra. Inħoloq ukoll ċimiterju fuq in-naħa l-oħra tat-triq ta' quddiem l-isptar għad-dfin tal-pazjenti foqra li jmutu waqt li jkunu rikoverati. Dan ġie msebbaħ bil-bini ta' kappella mill-Kavallier Fra Giorgio Nibbia fl-1612. Eventwalment, il-Gran Mastru Rafael Cotoner approva t-tkabbir tas-sala ewlenija b'tul ta' 155 metru li twassal minn tarf għall-ieħor tas-sur ta' San Lazzru. Xogħolijiet oħra ta' tkabbir twettqu fil-bidu tas-seklu 18, filwaqt li fl-aħħar tas-snin sebgħin tal-istess seklu, inbena ċimiterju ieħor fil-Furjana għad-dfin tal-foqra li jmutu waqt li jkunu qed jieħdu l-kura. Dawk il-baħrin li kienu jweġġgħu jew jimirdu fuq il-baħar setgħu jiddaħħlu għall-kura permezz ta' passaġġ taħt l-art li jagħti għax-xatt.



**TMEXXIJA**

It-tmexxija ta' kuljum kienet fdata f'idejn il-Gran Ospitalier. Dan kien jintgħażel minn fost il-membri tal-Lingwa ta' Franza, u kien ikun assistit minn żewġ uffiċjali. Dawn kellhom l-inkarigu li jaraw li l-kwalità tal-ikel tkun tajba, li l-apparat tal-isptar qed jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, li l-inventarji huma aġġornati, u li l-aħħar xewqat tal-pazjenti li jmutu jiġu mwettqa.

Važun tal-majjolika għaż-żamma tal-mediċini



**KAPAĊITÀ U SERVIZZ**

F'ċirkustanzi normali, is-Sagra Infermerija kienet mgħammra b'551 sodda. Dawn setgħu jiżdiedu għal 912 f'każ t'emerġenza. Il-pazjenti kollha, inklużi l-Kavallieri, kienu jiddaħħlu fis-swali l-kbar. Is-swali u l-kmamar iż-żgħar kienu jitħallew għall-kura ta' persuni b'mard infettiv jew venerju u għal dawk b'mard mentali. Ġeneralment, il-pazjenti kienu jingħataw ikel tajjeb bħal brodu tat-tiġieġ u sopop bit-tarja jew bir-ross. Il-Kavallieri kienu ntitolati għal porzjon doppju u għal ħobż aħjar. Madankollu, il-pazjenti kollha kienu jingħataw jieklu fi platti u b'pożati tal-fidda.

**WARA L-1798**

Wara t-tkeċċija tal-Ordni fl-1798, is-Sagra Infermerija nbidlet fi sptar militari. Dan baqa' jopera sa tmiem il-Gwerra l-Kbira fl-1918. Matul it-Tieni GwerraDinjija, intlaqat kemm il-darba mill-bombardamenti tal-għadu. Fl-1979, il-binja nbidlet f'ċentru għall-attivitajiet kulturali u l-konferenzi.

© 2021 Heritage Malta Publishing